



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.11.2015
COM(2015) 575 final

2006/0036 (NLE)

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika tal-Albanija, l-Bożnija-Herzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja u l-Amministrazzjoni Interim tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo¹ dwar it-twaqqif ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea (ECAA)

¹ Skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU Nru 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

F'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni nneozjat Ftehim Multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja, u l-Missjoni ta' Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo¹ dwar it-twaqqif ta' Spazju Komuni Ewropew għall-Avjazzjoni (ECAA), skont deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati fl-10 ta' Diċembru 2004.

Il-Ftehim tal-ECAA ġie ffirmat f'isem il-Komunità fid-9 ta' Ġunju 2006, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem, f'konformità mad-Deċiżjoni 2006/682/KE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill², li awtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tiegħu.

Dwar in-naħa tal-UE, kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri tagħha huma Partijiet għal dan il-Ftehim. Il-proċess ta' ratifika tlesta mill-Istati Membri kollha fit-23 ta' Jannar 2014.

Il-proposta inkwistjoni timmodifika l-proposta tal-bidu tal-Kummissjoni (taħt COM (2006)113 Finali), li ġiet adottata fl-14 ta' Marzu 2006 u sussegwentement ġiet mibgħuta lill-Kunsill, bil-ħsieb partikolarment li jiġi meqjus id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Sabiex jiġi ffaċilitat l-eżami mill-Kunsill, it-test rilevanti kollu qiegħed jiġi mibgħut bħala proposta emendata.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Ma japplikax

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Ma japplikax

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Ma japplikax

¹ Skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU Nru 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999.

² ĠU L 285, 16.10.2006, p. 1.

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika tal-Albanija, l-Bożnija-Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja u l-Amministrazzjoni Interim tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo³ dwar it-twaqqif ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea (ECAA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew⁴,

Billi:

- (1) F'isem il-Komunità Ewropea, il-Kummissjoni nneozjat Ftehim Multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika tal-Albanija, l-Bożnija-Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja u l-Amministrazzjoni Interim tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo⁵ dwar it-twaqqif ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea (ECAA).
- (2) Dan il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità fid-9 ta' Ġunju 2006, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem, f'konformità mad-Deċiżjoni 2006/682/KE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill⁶,
- (3) Bl-adeżjoni rispettiva tagħhom u f'konformità mal-Artikolu 31(2) tal-Ftehim, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija, kif ukoll ir-Repubblika tal-Kroazja saru Stati Membri tal-UE u għaldaqstant ma baqgħux Partijiet Assoċjati taħt dan il-Ftehim,
- (4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Ftehim Multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika tal-Albanija, l-Bożnija-Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja,

³ Skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU Nru 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999.

⁴ ĠU C 81 E/01, 15.03.2011.

⁵ Skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU Nru 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999.

⁶ ĠU L 285, 16.10.2006, p. 1.

Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja u l-Amministrazzjoni Interim tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo dwar it-twaqqif ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea (ECAA), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", b'dan huwa approvat f'isem l-Unjoni.

2. Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna/i bis-setgħa li, f'isem l-Unjoni Ewropea, tiddepożita/jiddepożitaw l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 29(2) tal-Ftehim, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta mill-Ftehim, u għandu jagħti din in-notifika:

‘1. Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwixxiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea u minn dik id-data teżerċita d-drittijiet kollha u tassumi l-obbligi kollha tal-Komunità Ewropea. Għalhekk, referenzi għal "il-Komunità Ewropea" fit-test tal-Ftehim għandhom, fejn xieraq, jinqraw bħala "l-Unjoni Ewropea".

‘2. Bl-adeżjoni rispettiva tagħhom u f'konformità mal-Artikolu 31(2) tal-Ftehim, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Rumanija, kif ukoll ir-Repubblika tal-Kroazja saru Stati Membri tal-UE u għaldaqstant ma baqgħux Partijiet Assoċjati taħt dan il-Ftehim".

Artikolu 2

1. L-Unjoni għandha tiġi rappreżentata mill-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-Kummissjoni skont Artikolu 18 tal-Ftehim.

2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni dwar deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt skont Artikolu 17 tal-Ftehim dwar is-sempliċi inklużjoni ta' leġislazzjoni tal-Unjoni f'Anness I tal-Ftehim, soġġett għal kwalunkwe aġġustament tekniku meħtieġ, għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*